# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**ILLUM, 19 TA' MEJJU, 2024**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**VS**

**MASSIMO CARUSO**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjoijiet migjuba fil-konfront ta' **Massimo Caruso** ta' wieħed u ħamsin (51) sena, iben Antonio u Vera Spada, imwieled Siracusa nhar l-erbatax (14) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija tlieta u sebgħin (1973), residenti 13, The Podium, Block E, Flat 6, Triq Dun Gużepp Bonanno, Żebbuġ u detentur tal-karta tal-identita' numru 22119[a];

U li f'isem ir-Repubblika ta' Malta, akkuzat talli:

Nhar is-sebgħa (7) ta' April tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn is-siegħa u nofs (13:30hrs) u l-ħamsa u nofs (17:30hrs) ta' wara nofsinhar, ġewwa residenza bl-isem ta' Kyra li tinsab fi Triq il-Linja, Attard u / jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommetta serq ta' ġojjellerija għad-dannu ta' Kenneth Borg, Nicolette Borg Delicata u / jew ta' xi persuna/i oħra u / jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-**valur** li jeċeddi l-elfejn tliet mija disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-**lok** u bil-**mezz**;

Nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' April tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) għall-ħabta ta' bejn is-siegħa u nofs (13:30hrs) u l-ħansa u nofs (17:30hrs) ta' wara nofsinhar ġewwa residenza numru 226 li tinsab fi Triq il-Linja, Attard u / jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

2. Ikkommetta serq ta' ġojjellerija għad-dannu ta' Marcel Schembri, Veneranda Schembri u / jew ta' xi persuna/i oħra u / jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-**valur** li jeċċedi l-elfejn tliet mija disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-**lok** u bil-**mezz**;

Għall-ħabta ta' bejn is-siegħa (13:00hrs) ta' wara nofsinhar tal-ħmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) u l-għaxra u nofs (10:30hrs) ta' filgħodu tas-sittax (16) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) ġewwa residenza 321, Mediterrenea li tinsab fi Triq ta' Taħt l-Irdum, Mellieħa u / jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

3. Ikkommetta serq ta' ġojjellerija għad-dannu ta' Luisa Bonello u / jew ta' xi persuna/i oħra u / jew ta/ xi entita' jew entitajiet oħra u liema serq huwa kkwalifikat bil-**valur** li jeċeddi l-elfejn tliet mija disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-**lok** u bil-**mezz**;

Nhar is-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) u fil-ġranet u fix-xhur ta' qabel:

4. Laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew,

xjentement, b'kull mod li jkun, indaħal biex ibigħhom jew imexxihom u ċioe' mutur tal-għamla Kymco Agility City 125 ta' lewn iswed bin-numru ta' reġistrazzjoni DBV 562;

5. Ikkommetta serq ta' sett pjanċi minn mutur tal-għamla Efun Trinity ta' lewn abjad, liema pjanċi għandhom in-numru ta' reġistrazzjoni ECN 526 għad-dannu ta' Edwin Saliba u / jew ta' xi persuna/i oħra u / jew ta' xi entita' jew entitajiet oħra, liema serq hu ikkwalifikat bix-**xorta tal-ħaġa misruqa**;

6. Għamel użu minn numru ta' identifikazzjoni xort'oħra minn dak mogħti mill-pulizija jew mill-Awtorita' dwar xi vettura bil-mutur partikolari u ċioe' l-pjanċi ECN 526;

7. Saq numru ta' vetturi bil-mutur mingħajr ma kellu liċenzja tas-sewqan;

U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi:

8. Kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mogħtija lilu mill-Maġistrat Dr Doreen Clarke nhar it-tletin (30) ta' Novembru tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) taħt depożitu ta' tliet mitt ewro (€300) u garanzija personali ta' tliet elef ewro (€3,000);

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tqis lill-imputat **Massimo Caruso** bħala li sar reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien instab ħati b'sentenzi mogħtija lilu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

F'każ ta' ħtija għal reat jew reati hawn fuq imsemmija, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-Artikolu

15A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija għal reat jew reati hawn fuq imsemmija, il-Qorti hija ġentilment mitluba wkoll sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u / jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi;

Illi l-imputat registra ammissjoni fl-udjenza tas-19 ta' Mejju 2024

Rat l-artikoli 15(1)(a) tal- Kap 65 48, 50, 289 15A, 532B, 533, 382,383,384,385,261,263,267,269,271,278,279,280,281,282,283,289tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Rat l-atti kollha u d-dokumenti kollha ezebiti;
Rat li l-imputat irrregistra ammissjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stat bikri hafna tal-proceduri.

**Decide**

Ghaldaqstant wara li rat l-artikoli 15(1)(a) tal- Kap 65 48, 50, 289 15A, 532B, 533,382,383,384,385,261,263,267,269,271,278,279,280,281,282,283,289tal -Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta Massimo Caruso qed jigi ikkundannat komplessivament ghal 1) erba'(4) snin u nofs habs effettiv,2) tirrevoka l-liberta provizorja imposta fit-30 ta Novembru, 2021 u tordna ir-riarrest ta

Massimo Caruso u tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta is-somma ta tlett elef euro (3000) depositata u il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta tlett mitt(300) euro mis-somma ta tlett elef euro(3000) rappresentantti parti mill-garanzija imposta ghall-helsien mill-arrest skond id-d-digriet fuq citat. 3) tordna is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan ghal sitt xhur mid-data li Massimo Carusa jottjeni kwalsijasi licenzja tas-sewqan .

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**